MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Numru 832/2005

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Nicholai Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Nicholai Grima detentur ta' karta ta' identita' numru 0366778M, akkuzat talli:

1. Fis-17 ta' Settembru, 2005 fir-Rabat ghall-habta tal-5:30 a.m. bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jikkommetti serq aggravat bil-vjolenza u bil-hin minn fuq il-persuna ta' Samantha Farrugia u ta' Yvonne Garcia, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi hareg arma tan-nar (pistol tar-rih) u ippunta lill-istess zewg persuni u talabhom il-flus, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Samantha Farrugia u lil Yvonne Garcia kontra l-volonta' taghhom;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li ghamel l-offiza fuq il-persuni ta' Samantha Farrugia u Yvonne Garcia kellu fuq il-persuna u fil-pussess tieghu arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin u lok, u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. fl-istess data, hin u lok, u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel u/jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew qabad armi ohra kontra l-istess Samantha Farrugia u Yvonne Garcia.
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat il-verbal tal-lum fl-liema udjenza l-imputat irregistra ammissjoni li baqa' jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat irregistra ammissjoni ghar-reati dedotti kontrih li jirrigwardaw attentat ta' serq, sekwestru ta' persuni b'arma regolari li fuqha ma kellux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikun fil-pussess taghha u wkoll ta' offizi kontravenzjonali ta' theddid u ksur tal-paci pubbliku.

Illi l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata. Madanakollu l-offiza kontravenzjonali ipottezzata fil-hames akkuza tinsab assorbita.

Ghalhekk, rat l-Artikolu 41, 261(a), 262(b), 275, 276, 86, 338(dd), 17 u 31 tal-Kap 9, ukoll l-Artikolu 2 u 3 tal-Kap 66; rat l-fedina penali netta; tiddeciedi fic-cirkustanzi li tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn (Art 28A tal-Kap 9) u Lm15 ammenda u tirriserva li tipprovdi ulterjorment rigward il-konfiska tal-arma u oggetti ancillari fuq rikors appositu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------